Minuti tal-Laqgħa Nru. 12 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal-Farruġ fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 25 ta' Lulju 2011 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | il-Membri |
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Martin Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Assenti | Is-Sur. Gejtu Calleja |
| Skużat | Is-Sur. Raymond Ellul |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**AĠENDA**

- Qari tal-minuti tal-laqgħa ta qabel
- Punti mqajjma mill-minuti
- Xogħolijiet
- Korrispondenza
- Egħluq il-laqgħa

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.0 Il-minuti inqraw u ġew ikkonfermati.

## 2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ic-chairperson saqsa jekk kienx hemm risposta fuq il-mistoqsija li kienet saret rigward jekk hemmx fondi allokati biex bihom ikunu jistgħu issiru attivitajiet kulturali. Is-Segretarju wieġeb li huwa kien bagħat email lid-Dipartiment fejn saqsa fuq il-fondi imma ma kienx hemm risposta. Huwa ssuġġerrixxa li skont l-allokazzjoni ma kienx hemm fondi allokati għal attivitajiet u jkun jaqbel jekk ma jintefqux flus fuq attivitajiet kulturali.

2.2 Is-Sur. Gatt saqsa jekk l-applikazzjoni għal Inizjattivi u Proġetti mill-Kumitati Amministrattivi kinitx sottomessa. Is-Segretarju wieġeb li l-applikazzjoni kienet mimlija u sottomessa fil-ħin.

## 3. XOGĦOLIJIET

3.1 Is-Sur. Gatt saqsa meta se tkun qed issir Triq il-Vitorja. Is-Segretarju wieġeb li huwa kien se jkellem lis-Sindku biex jara kif kien ftiehem mal-kuntrattur fuq ix-xogħol.

3.2 Is-Sur. Ellul semma wkoll li hemm bżonn isiru stop signs fit-toroq li jagħtu min fejn hemm il-blokok għal Triq Ħal Farruġ għax hemm ir-riskju li jkun hemm xi inċident.

3.3 Is-Sur. Gatt saqsa wkoll fuq il-mirja li kellhom issiru fi Triq il-Qasam Sperimentali. Is-Segretarju semma li l-aħjar li wieħed jara fuq il-post x' hemm bżonn issir eżatt. Huwa qal lis-Sur. Gatt biex jiftiehem miegħu u jaraw aħjar x' jista jsir.

3.4 Is-Sur. Borg saqsa ukoll jekk fi Triq il-Qasam Sperimentali jistgħux issiru xi pots bil-qsari biex hemhekk tissebbaħ iż-żona. Is-Segretarju semma li jistgħu jitkellmu mal-ELC biex naraw flimkien magħhom x' jista jsir.

3.5 Is-Sur. Borg semma li hemm bżonn issiru double lines mal-kantunieri peress li hemm vetturi li qed jipparkjaw fil-kantunieri u qed joħolqu problema għal min ikun għaddej fl inħawi. Iż-żona hija dik il-parti fejn hemm il-binjiet tal-ex servizzi Ingliżi.

3.6 Ic-chairperson semma li l-kapteli li kellhom issiru biex tingħalaq dik il-parti fejn hemm il-bocca għal water culverts għadhom ma sarux. Huwa qal biex inkellmu lil tal-high up sabiex ipoġġi dawn il-kapteli f' posthom.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Is-Sur. Borg saqsa jekk hux se jkun hemm aktar infurzar ġewwa Ħal Farruġ permezz tal-wardens. Huwa semma diversi każi fejn qed ikun hemm ksur tal-liġi b' mod speċjali fejn għandu x' jaqsam it-traffiku. Is-Segretarju semma li se jkellem lil Uffiċċjal Awtoriżżat mill-wardens biex ikun hemm aktar infurzar. Huwa semma wkoll li min naħa tiegħu kien diġa kellem lil Uffiċċjal Awtoriżżat li kellu jieħu ħsieb li jibgħat wardens fuq il-post.

4.2 Is-Sur. Borg semma li l-individwu li għandu t-twapet ta maġenb il-fabbrika tal-ixkupa, irċieva ittra biex inaddaf il-post fejn għandu l-kamra. Huwa ssuġġerrixxa li hemhekk tista' ssir platform biex fuqha jitpoġġew l-iskips li bħalissa hemm quddiem il-Housing Estate. Huwa ta dan is-suġġeriment peress li fejn bħalissa jinsabu dawn l-iskips hemm wkoll stage li jirkbu in-nies min fuqu.

4.3 Ic-chairperson issuġġerrixxa biex għal okkażżjoni tal-festa tal-Vitorja issir attivita biex tikkomemora din il-festa. Kien hemm suġġeriment biex dakinhar ikun hemm esebizzjoni ta karozzi antiki li ssir fi Triq il-Vitorja. Biex ikun hemm aktar dawl fiż-żona tal-wirja jista jsir ukoll dawl temporanju għal waqt l-attivita.

4.4 Is-Segretarju semma jekk hux possibli jkun hemm laqgħa ma xi volontiera biex jippreparaw xi affarijiet tal-ikel ghal dakinhar tal-festa. Huwa ssuġġerrixxa biex issir laqgħa mal-Viċi Kappillan li jieħu ħsieb iż-żona sabiex ikun jista jsir kordinament aħjar.

**Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar It-Tnejn 25 ta' Lulju 2011 fis-6.45 p.m. Ma kienx data proposta għal-laqgħa segwenti.**

.

Konfermati llum ______________________ 2011.

| | |
|---|---|
| Raymond Saliba<br>Chairperson | Michael Portelli<br>Segretarju Eżekuttiv |